# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-22 ta' Frar, 2023

Avviz tat-Talba numru: 526/2018 CL

It-Tribunal;

**Rudolph Borg Myatt (KI nru 235065M)**

**VERSUS**

**Gordon Grech (KI nru 10890M)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-8 ta' Novembru, 2018 fejn l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' hamest elef mitejn u sitta u tmenin euro u erbghin centezmu (€5286.40), liema dejn qieghed jigi ridott ghas-somma ta' hamest elef euro (€5000) ghal finijiet ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal, li japprezenta l-prezz ta' servizzi professjonali rezi lill-imsemmi intimat fuq inkarigu tieghu stess, u dan kif jirrizulta mill-fatturi relattivi hawn annessi u rispettivament datat l-1 ta' April 2018 (Dok A u Dok B).

Illi minkejja diversi interpellanzi sabiex jhallas lill-attur dak dovut, inkluz permezz ta' ittra legali datat l-23 ta' Mejju 2018 (Dok C) u ta' ittra ufficjali (1879/18) datat 26 ta' Gunju 2018(Dok D) l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant talab sabiex l-intimat jigi iddikjarat debitur tal-attur fl-ammont ta' hamest elef euro (€5000) ghar-ragunijiet fuq permessi u jordna lill-intimat ihallas lill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef euro (€5000). Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra ir-risposta li giet ipprezentatat fil-5 ta' Dicembru 2018, fejn intqal illi t-talbiet tal-attur huma infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda hlas ma huwa dovut lill-attur stante li mhux biss ma espletax l-inkarigu lilu moghti, izda addiritura ghamel xoghol hazin u kkawza danni lill-konvenut li huma l-materja tal-kontro-talba li qed tigi ipprezentata kontestwalment ma din ir-risposta. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba, fejn Gordon Grech kien inkariga lil Rudolph Borg Myatt sabiex jipprovdilu servizzi relatati ma kuntratti publici assenjati lill-istess Gordon Grech. Illi l-istess Rudolph Borg Myatt mhux tali ma offriex is-servizzi kif rikjest minnu izda addiritura bl-agir tieghu kkawza danni lill-istess Gordon Grech kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri. Illi addiritura ipprova jisraq klijenti ta' Gordon Grech. Illi minkejja li gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kkawzati minnu huwa baqa' inadempjenti. Illi Gordon Grech qed jillimita t-talba tieghu ghall-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant il vista tal-premess Gordon Grech umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu: jiddikjara li Gordon Grech sofra danni konsegwenza tal-agir u n-nuqqasijiet ta' Rudolph Borg Myatt fl-inkarigu lilu moghti mill-istess Gordon Grech. Tillikwida okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti minn Godwin Grech. Tikkundana lill-istess Rudolph Borg Myatt ghal hlas tas-somma hekk likwidata skont it-talba precedentI. Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-istess Rudolph Borg Myatt li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ghal kontro talba fejn t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghas-segwenti ragunijiet; illi l-allegazzjonijiet kollha fil-kontro talba huma assolutament ingustifikati u infondati. Illi l-attur rikonvenzjonat dejjem aderixxa ruhu bis-shih mal-obbligi kuntrattwali illi kienu jissussistu bejnu u bejn l-konvenut b'dan illi huwa ipprovda servizz professjonali skond il-grad ta' diligenza rikjesta mill-ligi, u ma ikkawza ebda danni u wisq anqas qatt ma ipprova jisraq xi klijenti tal-konvenut rikonvenzjonant. Minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jipprova d-danni li qieghed jallega li sofra bhala konsegwenza ta' xi allegat agir. Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjes.

Fl-20 ta' Frar 2019 xehed Rudolph Borg Myatt li huwa Inginier self employed u li kien sar jaf lil Gordon Grech ghax kien xtara l-propjeta tieghu u tal-mara. F'Awwissu 2017 il-konvenut kien qallu li l-kumpanija tieghu Smart Ict, li wara inbidelet ghal Arcafort, kienet hadet xi kuntratt minghand il-gvern ghal-IT. Peress illi kien jinkludi servizzi mekanici u elettrici, illi ma kienx kompitu ta' Grech, kien qallu biex jipprovdihom hu. Grech kien qallu li jithallas bir-rata ta' €35 is-siegha u huma ftehmu li Grech kien ser jhallsu bir-rata ta' €28 is-siegha. Fl-ahhar tax-xahar kien jaghtih timesheet bil-vat inkluz, tas-sieghat f'kull gurnata li kien hadem u b'deskrizzjoni qasira tax-xoghol li sar, kemm dam u fejn sar ix-xoghol. L-ewwel invoice bghata f'Awwissu 2017 u l-ahhar invoice kien f'April 2018.Is-somma ta' €5000 li kien qieghed jitlob kien ghax-xahar ta' Marzu 2018 u April 2018 li jinsabu a foll 2 sa 5. Jghid illi fiz- zewg invoices hemm zball ghax fl-invoice datata 1 ta' April jindika x-xahar ta' Frar flokk Marzu fi deskrizzjoni u jerga' jaghmel l-istess zball fl-invoice datat 1 ta' Mejju fejn flokk April jerga' jghid li Frar ghax ghamel *copy and paste*. Ipprezenta sensiela ta' dokumenti u e mails, fejn dawk mmarkati bhala Dok RBM1 sa Dok RBM3, huma l-kontijiet li kien hareg qabel u li kienu thalsu. Il-problemi bdew f'Ottubru 2017, ghax Grech ma kienx qieghed jzomm mal-ftehiem li jhallsu 15 il-gurnata wara l-invoice, u zieduhom ghal 30 gurnata, izda ma rrispettax dak l-arrangament lanqas. Fil-fatt irrizulta li x-xoghol tal-kuntratt kien xoghol li jaghmel hu u mhux tal-IT. Fi Frar kien kitiblu li kien qieghed jikser il-ftehiem u ried li l-ftehiem verbali jitnizzel bil-miktub ghax beda jibza' li mhux ser jithallas. Gordon kien qallu li ma xtaqx ikompli b'dan ix-xoghol u fil-fatt kien qal lil Perit Claude Borg biex jghid lil segretarju permanenti li kien qieghed jirrikmanda li x-xoghol jinghata direttament lilu flokk lill Gordon, li kien wiegbu biex jghidli hu stess. Gordon qallu li kien hemm hafna xoghol u kienu ser jixtru pakketti ta' 200 siegha minn qabel u ghalhekk

assuma li Grech kien jithallas minn quddiem. Ipprezenta sensiela ta' e mails mmarkati bhala Dom RBM4, fejn beda jitolbu biex jirregolaw l-arrangament ghax kienu bdew progett fi Frar fl-Arkivji Notarili fejn kien hemm hafna xoghol xi jsir u li kien jiswa l-miljuni. F'nofs April bghatlu e mail fejn qallu illi jekk mhux ser jaghmlu arrangament bil-miktub u jhallsu ta' xogholu hu kien ser jieqaf jaghtih is-servizz. Biddel il-ftehiem u qal illi kien ser jhalsu in bulk meta jispicca l-bicca xogol izda m'accetax, ghax il-ftehiem kien li kellu jhallsu kull xahar.Ghamel xi gimgha ma jwegibx il-moblie ghax kien qallu biex jghid lil klijenti hu, izda irrizulta illi ma kienx qalilhom ghax id-direttur tar-Restoration Division kien irrabjat ghax ma kienx kelmu Grech. Cempillu l-Perit Gatt u riedu jkompli x-xoghol b'mod dirett u talbu stima li kienet fl-ammont ta' €10,000 u qallu li giet accetata u biex jkompi bix-xoghol u jiddilja dirett mieghu u fil-fatt ix-xoghol tlesta f'Lulju 2018. Hu kien bghat email lil Grech fejn qallu li l-business arrangement ta' bejniethom kien gie itterminat. Gordon kien bghatlu e mail sabiex jkomplu *business as usual* imma hu wiebgu li ma setax jkompli mieghu ghax ma kienx wiegbu biex jirregolaw il-ftehiem u ma kienx halsu. Grech kien lest li jassumi r-responsabilita teknika izda peress li ma kellux warrant ma setax ssir ghax bil-ligi l-professjonali tal-Inginiera ma tistax tghaddi r-risponsabilita lil haddiehor. Grech ried li jzomm records tal-korrespondenza f'kaz illi jkollu jaghti xi rendikont. Rega' xehed fis-27 ta' Marzu 2019 u b'referenza ghal Dok RBM5 , qal illi dan huwa invoice ta' Jannar 2018 u Frar 2018 bit-time sheets u dawn thalsu f'Mejju 2018 wara hafna insistenza u kien hemm ukoll cekk li ntbghat u ma setax jissarraf minhabba li fuq l-karta tal-identita ismu jidher bhala Borg Myatt u mhux Borg kif kien ic-cekk, u kellu jirritornah u sar transfer bankarja x-xahar ta' wara. Marzu u April 2018 baqghu ma thalsux.

B'referenza ghal investiment li kien qieghed jaghmel f'dak iz-zmien, parti kien b'rabta max-xoghol ta' Gordon Grech u parti kien ghalih innifsu. Kellu bzonn jixtri software biex jpingi li kellu bzonn ghax-xoghol ta' Gordon Grech u ghax xoghol tieghu ukoll u kien hemm xi apparat iehor ghal qisien ta' illuminiation ghal Casa Gaspe.. kif evolva l-kuntratt ta' Casa Gaspe riedu l-work drawings u kienu ukoll bdew f'nofs Frar, il-kuntratt tal-Arkivji Notarili. Kellu dizgwit ma' Gordon ghax sar jaf illi kien ftehem wara dahru li xogholu kellu jitlesta fi zmien hmistax il-jum, li kienet impossibli. Tal-Atti Notarili min-naha taghhom kienu ser jitilfu erba' miljuni fondi tal-EU jekk ma tohrogx it-tender u b'hekk kien ta aktar prijorita lil dak il-progett. Izda ma kien hemm ebda kuntrattur minn Casa Gaspe li kien qieghed jistenna minghandu la tal-elettriku u lanqas tal-acs. Meta kienu telghu l-acs fuq il-bejt hu kien mar fil-5.30am u kien gja hames xhur lura fi hlas. Fl-istess zmien kien qieghed jaghmel masters in building services fil-ghaxija, l-universita li kienu jinvolvu hames sieghat fil-gimgha u assignment kull tlett xhur. M'affetwax ix-xoghol ansi pjutost kwazu m'ghaddix mill-masters minhabba fix-xoghol. Hu kien bghat l-ahhar disinni f'Dicembru 2017 ta' Casa Gaspe u fil-fatt kellu risposta ta' Gordon Grech li qieghda tigi pprezentata bhala Dok RBM1, data 22 ta' Dicembru 2017 fejn jghid *this is perfect*. Id-disinni tieghu kienu dwar kemm kien hemm bzonn plugs u fejn jkunu qeghdin, ma kienx rikjest jaghmel work drawings qabel Dicembru 2017 ghax dawn jaghmluhom il-kuntratturi ghax hu jghid lil nies tieghu kif jridu jahdmu. Izda wara xi hames gimghat, fi- Frar 2018, il-Perit Claude Borg infurmah li inhargu 4 direct orders u hu kellu jikkordina maghom l-erbgha, biex jaghmlilhom supervizjoni u jaghmlilhom work drawings ghax ma kellhom il-kapacita li jaghmluhom huma. Ipprezenta Dok RBM2 li turi li hu kien ikkomunika wara Jannar ma kontratturi godda u kellhom jkollhom time frame. Peress illi l-ufficjini ma kienx ser jinghalqu biex ma jwaqqafx il-ministeru u kellu e mails dwar dan li kienu qieghdin Dok RBM3. Kienu telghu l-ACs fuq il-bejt u bidlu l-main distribution board u beda bil-works drawings ghal

ground floor. Kellu e mail minghand Perit Claude Borg fejn irringrazjah tax-xoghol tieghu li kien sar sew Dok RBM4.Hu dejjem kien jzommu in copy tal-e mails izda kienu l-kijenti b'mod specjali l-Arkivji Notarili li ma kienux jaghmlu lil Grech in copy u kien jkollu joqghod jifforwardjalu l e mails. Hu kien subcontractor u mhux impjegat ta' Gordon Grech u hu kellu obbligu li jzomm records tal-korrispondenza tieghu mal-klijenti ghax hu kien jibqa' risponsabbli u ma setax jghaddi din ir-risponsabilita lil hadddiehor. Kien qieghed jesebixxi l-email tal-konvenut li qallu *business as usual* li kien datat 2 ta' Mejju 2018 fejn hu kien gja gharraf lil-konvenut bil-miktub li kien waqaf jaghtih is-servizz. Dok RBM7. Ipprezenta sensiela ta' dokumenti permezz ta' nota.[1]

Fi3-27 ta' Marzu 2019 xehdet Dr Joan Abela li hija Consultant Historian fil-progett tal-Arkivji li ghaliha kienu hadu l-fondi mill-EU fl-2020. Ix-xoghol kien beda fl-2016 u kien ghaddej u kellu jitlesta sal-2020. Skond il-kuntratt taghha hi ghandha tkun hemm ghal 20 siegha fil-gimgha imma tkun hemm ghal hafna aktar sieghat. Fil-progett kien hemm bzonn ta' espert peress illi l-ambjent kellu jigi ikkontrollat u kellu jkun hemm Inginier mid-ditta Arcafort u hemmhekk kien l-ewwel kuntatt li kellha ma' Borg Myatt bhala rapprezentant ta' din id-ditta, izda ma tiftakarx id-dati. Dan ix-xoghol huwa specjalizat u ma jistax jaghmlu kwalunkwe inginier u fil-fatt kien jkollha laqghat regolari ma' Borg Myatt biex jassiguraw l-ahjar kondizzjoni.

Fid-29 ta' April 2019 xehed Etienne Mercieca li huwa kap tas-segretarjat tal-gvern lokali u komunitajiet li tinsab Casa Gaspe, Valletta u kienu iddeciedew li jaghmlu refurbishment f'Lulju 2017 li kien jinkludi dawl u affarijiet teknici. Kien iltaqa' mal-Inginier Borg Myatt ghax kien mar mal-Perit Claude Borg biex jaraw x'kien hemm bzonn jsir. Hu kien jikkordina mal-Perit Claude Borg, imma wara l-Inigier Borg Myatt kien jmur spiss u hu kien jcempel lilu dirett biex jhaffu x-xoghol tal-pjanti peress illi imbaghad kellhom jidhlu kutratturi ,electricians u tal-IT. Hu kien jiehu fit-tul ghax kien jghid illi kien impenjat hafna. Il-perit Borg infurmah li l-Inginier Borg Myatt ma kienx ser jkompli bix-xoghol u jekk mhux sejjer zball f'Mejju 2018 gie inginier Paul Galea minflokku. Xehed Perit Claude Borg li huwa resotoration director tal-gvern u ilu f'dan ix-xoghol ghal 25 sena u kien ser jsir restawr fil-bini fejn kien hemm il-Ministeru tal-Gustizzja hdejn il-Bibjoteka u Casa Gaspe. Hu kien talab ghal IT Inginier u kien gie infurmat li kellhom kuntratt ma' Gordon Grech bhala Inginier tal-IT li kien introduca lil Perit Borg Myatt. Kien jkollu *site meetings* ma' Gordon Grech u Perit Borg Myatt xi kultant t-tlieta flimkien u xi kultant ma' Gordon jew ma' Borg Myatt. F'Settembru 2017 kien beda jikkomunika ma' Borg Myatt u fi Frar 2018 saru xi meetings ma' Gordon u Borg Myatt qabel ma bdew jsiru xi xoghol ta' elettriku u baqghu jahdmu flimkien sa April 2018, meta gie Inginier Paul Baldacchino. Ma kienx hemm problemi meta kienu jahdmu flimkien. Hu ma kellux x'jaqsam mal-kuntratt li kien hemm mal IT Inginier u lanqas dwar pagamenti. Hu ipprezenta e mails li jikkonsistu fi hdax-il pagna u li gew ezebiti bhala Dok CB1 li ma kienux l-emails kollha ghax kien hemm hafna e mails. Xehed Perit Norbert Gatt li huwa Direttur tar-Restawr, u hu kien risponsabbli mir-restawr tal-Arkivji Notarial u gew bzonn is-servizzi tal-Inginiera. Hu kien talab lis-segretarju parlamentari ghax gew bzonn Inginier u kien iltaqa' ma' Borg Myatt u bdew jsiru disinni biex jsiru tenders fuqhom. F'xi zmien is-servizz waqaf min-naha tal-kuntatt ghax Borg Myatt qallu li ma kienx qed jithallas, u hu kien talab lil Borg Myatt biex jahdmu direttament mieghu peress illi kien dahal fid-dettal tal-progett u tah inkarigu dirett biex titkompla s-servizz. Talbu stima u gab l-approvazzjoni taghha u komplew

[1] Foll 301 sa 327

bil-progett. Gie muri e mail a foll 62 li ikkonferma li kien l-email fejn ingaggaw lil Inginier Borg Myatt direttament wara li kien talbu l-istima.

Fis-16 ta' Ottubru 2019 u 19 ta' Frar 2020 xehed Gordon Grech li qal illi sar jaf lil-attur meta xtara fond minghandu u kien qallu li hu kien fis-settur tal-informatika u xi kultant jkollu bzonn xoghol ta' mekanika u l-attur kien qallu li kien kwalifikat ghal dan x-xoghol. L-attur kien ghamel xi xoghol ta' BOQs tal-elettriku u mekkanika ghal tenders pubblici. Huma hadmu flimkien fuq tlett progetti ghal madwar sena.Kienu bdew il-progett ta' Casa Gaspe li kien jaqa' that il-Ministeru tal-Gustizzja, f'Settembru 2017 u kien jiehu hsiebu l-Perit Claude Borg. L-Inginier kellu jaghmel assessment ta' x'kien hemm bzonn jsir ghal ACs u elettriku ghax is-sistema ma kinitx tajba. Borg Myatt kien ikkometta ruhu li l-BOQs kellhom jkunu lesti sa Settembru 2017 izda dawn tlestew f'Dicembru u t-tender harget f'Jannar 2018 u kellu jkun kollox lest sabiex jibda x-xoghol. Fi Frar il-Perit Claude Borg u Etienne Mercieca bdew jikkontatjawh li x-xoghol qieghed jdum u induna li kien hemm xi drawings li ma kienux kompluti u l-kuntratturi ma kienux jafu minn fejn kien ser jghaddi il-cable, trunking u cable tray u lanqas fejn ha jitpoggew l-ACS. L-inginier kien jghid illi kellu xi korsijiet u ma setax jghati l-hin u b'hekk bdew jigu delayed apparti li kellu s-supervision tax-xoghol biex fl-ahhar jiccertifiah. Borg Myatt qatt ma qallu li kien hemm dawn il-problemi u ghalhekk ghamel laqa' mal-kuntrattur u qabbad Inginier Paul Baldacchino li kellu jaghmel assessment mill-gdid u kellhom problema finanzjarja ghaliex il-BOQs gew allokati fuq il-BOQs ta' qabel u kellhom jaghmlu BOQs godda u pjanti godda. Progett iehor li beda fi Frar 2018 kien tal-Arkivji Notarili li kien jaqa' taht id-Direttorat tar-Restawr fil-Ministeru tal-Gustizzja, li kien xoghol urgenti fejn kien hemm fondi allokati. Kellhom jaghmlu xoghol ta' disinji u jinhadmu l-quotes ghal elettriku, lifts, Sistema tac-CCTV, xoghol relatat mal-bini u kontroll tat-temperatura sabiex jigu koservati d-dokumenti antiki li kien xoghol specjalizzat, li fil-fatt kienu gabu xi esperti ohra biex jghinuhom. Hu kien jiehu hsieb l-informattika. Kien hemm xi dizgwit ma' Borg Myatt fuq pagamenti, kien hemm zball min-naha ta' Borg Myatt fuq invoice u din tawlet il-pagament imma Borg Myatt dejjem thallas. Kellem lil-attur wara li l-klijenti bdew jippressawh biex jlesti x-xoghol biex jkollhom timeline li tinzamm, izda fil-fatt ma kien sar kwazi ebda xoghol u Borg Myatt ma baqax jinvolvih fil-korrispondenza. Ma kienx baqa' juza' l email tal-kumpanjia li kien ipprovdilu ghal-uzu tieghu ghax ir-risposabilita kienet fuqu izda lanqas ma kien qieghed jaghmlu in copy u peress illi kellu pressjoni mill-klijenti hu accetta. L-attur beda jinsisti li l-invoice jithallas mill-ewwel fejn qabel kien jaccetta credit terms u beda jhedded li jekk ma jithallasx jwaqqaf is-servizz ghalkemm ix-xogholijiet ma kienux ta' livell mistenni.Hu baqa' ghaddej bix-xoghol ta' Casa Gaspe izda mill-ministeru qalulu li Notarial Archives ma kienux ser jibqghu juzaw s-servizz tieghu. Hu hass li ma kellux jhallas l-ahhar zewg invoices tal-attur u dan biex jaghmel tajjeb ghal flus li kellu jhallas biex jirranga l-izbalji tal-attur. Ghalkemm gieli thallas tard l-attur dejjem thallas fi zmien xahar li jkun hareg l-invoice. Darba minnhom kien hemm zball min-naha tal-attur u b'hekk kien thallas tard.Hu kien jithallas bir-rata ta' €35 fis-siegha, u minnhom kien jhallas is-sub contractor €28 fis-siegha. Kien jzomm id-differenza ghal amministrazzjoni. Hu ipprezenta Dok GX1 li kien il BOQ li kien hadem fuqu l-attur sabiex inghata t-tender ta' Casa Gaspe.Wara li bdew x-xogholijiet beda jircievi mill-kuntrattur kif ukoll mill-klijient li l-affarijiet ma setawx jitlestew ghax kienu qeghdin jistennew minghand Borg Myatt. Dan mhux suppost jigri ghax id-dokumenti kellhom jinkludu kollox sabiex ix-xogholijiet jitlestew u b'hekk kellu jdahhal lil Perit Paul Baldacchino i li kellu jaghmel xogholijiet li kienu neqsin li kienu fid-dokument GX2. Hu kellu jhallas l-invoices tax-xoghol li m'ghamilx Borg Myatt li tela' ghal madwar €4000 u

li kienu f'dokument DOK GX3. Fil-kontro ezami hu qal illi kien hemm kuntratt wiehed relatati ma' konsulenza ta' informatika ta' zewg progetti: Casa Casper u Arkivji Notarili, li kienu jaqghu taht il-Ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali ta' dak iz-zmien. Fil-kuntratt kien hemm referenza ghar-rata ta' €35 fis-siegha u kien ser jesbixxi kopja tal-kuntratt sas-seduta ta' wara. Ma jiftakarx meta kienu intbghatu l-pjanti ta' Casa Gasper mill-Inginier u l-korrispondenza fuq il-pjanti kienet ssir mal-Perit Claude Borg pero dawn il-pjanti ma kienux kompluti ghas-skop tal-progett. Hu kien jsegwi fejn kien jkun ikkupjat f'xi korrispondenza izda ma kienx ikkupjat fil-korrispondenza kollha.Hu kien jkun prezenti fuq dak li jirigwarda l-informatika izda f'decizjonijiet ohra kien jhallihom f'idejn l-attur ghalkemm gieli kien prezenti. Kien jmur fuq is-sit u jiltaqa' mal-Perit Claude Borg, bejn wiehed u iehor kull hmistax . Hu induna li d-drawings ma kienux kompluti u kien sejjah laqgha mal-Perit Claude Borg, Etienne Mercieca u l-kuntraturi izda l-inginier ma kienx prezenti ghax kien iddecieda li ma riedx jaghtih servizz aktar. Ma jiftakarx jekk il-laqgha kinitx fi-Frar 2018 imma ha azzjoni mill-ewwel. Meta kienu qeghdin jinhadmu z-zewg progetti flimkien kien hemm relazzjoni tajba bejn hu u l-attur u kien gibed l-attenzjoni lil attur li certu affarijiet ma kienux sew. Kien talab il-laqgha meta ma kienx hemm aktar relazzjoni ta' xoghol bejn il-partijiet. Ghalkemm hu qal illi l-progett tal-Arkivji Notarili beda fi Frar 2018 hu ma jiftakarx id-dati ezatt izda fil-punt li kien hemm diffikultajiet zghar kienu ghadhom b'relazzjoni tajba bejniethom u fil-fatt kien bghatlu e mail f'Mejju 2018, li kien *business as usual* izda jghid li ma kellux problema jkompli jahdem mieghu sakemm jaghmilu deliveries u jghid illi jista' jkun li l-pagament ta' Marzu 2018 kien ghadu ma sarx. Hu jichad illi l-kwistjoni bejniethom qamet minhabba li l-attur ma kienx thallas fil-hin, ghax hu kellu 30 jum credit u allura l-iskadenza kienet ferm iktar qasira, li huwa normali fl-industrija. Id-dizgwit inqala' meta d-deliveries li kellu jaghmel l-attur ma sarux u meta beda jippressa lil attur ghad deliveries hu qabad u qata' 30 day credit u beda jghid li ser jwaqqaf ix-xoghol hesrem kif fil-fatt ghamel. Jichad illi kien hemm numru ta' xhur b'lura, ghax xahar biss kien hemm. Il-pagamenti li intalbu fil-kawza ma thallsux mhux ghax kellu problemi finanzjarji izda ghax kien qieghed jintalab hlas ghax-xoghol li ma sarx. Ma jiftakarx li l-attur kien talab permezz ta' e mail datat 14 ta' April 2018 sabiex il-ftehiem jigi formallizat f'kuntratt. Ikkonferma li l-azzjoni fil-konfront tal-attur ghamlu biss permezz ta' kontro talba. B'referenza ghal ittra legali datata 23 ta' Mejju 2018 a foll 7 tal-process fejn l-attur offra li jaghti *hand over* jghid illi jiftakar l-ittra izda mhux id-dettalji taghha, izda l-problema ma kinitx il-*hand over* imma li x-xogholijiet kellhom jibdew mill-bidu minhabba li ma kienx provda dak li kellu jigi provdut. Hu ma jafx jekk l-Inginier Baldacchino qatt ircieva *release letter* minghand Inginier Borg Myatt. Il-Perit Baldacchino,il-kuntrattur Cooltech Services u Mallia Brothers tal-elettriku u l-Perit Claude Borg kienu ftehmu li kellu jsir ix-xoghol mill-gdid ghax kien hemm diskrepanzi fil-dissini ghax ma setax jibda bix-xoghol; per ezempju ma kienx hemm immarkat minn fejn kienu ser jghaddu l-cables. Hu stess kien hallas lil Inginier Baldacchino ghax ma setax jiccargja l-klijent ghax-xoghol li suppost sar. Hu kien jhalsu bbazat fuq *job sheets* fejn kien jdahhal is-sieghat kif kien jahdem ma' Borg Myatt. Hu kien jiehu persentagg fuq ir-rata li tithallas lil inginier il-gdid fis-siegha. Hu ma sabx kuntratt dwar is-servizzi li kien jghaddi lil Borg Myatt, izda sab l-invoice li ipprezenta u li gie mmarkat bhala Dok GG1, li kien ghadda lil-klijent li kien Dirretorat tar-Restawr ghax-xoghol li kien jaghmel Borg Myatt. Din kienet l-unika invoice li kellu fuq is-servizz ta' Borg Myatt. Il-klijent kien jixtri ammont ta' sieghat ghas-servizzi u dawn is-sieghat jintuzaw ghad-disinni u ghas-servizzi. Mistoqsi kif ma kienx hemm kuntratt stante li id-direttorjat jaqa' taht il-gvern,

hu wiegeb illi kien hemm ftehiem permezz ta' e mail fejn is-servizz kien ser jsir bil-bundle tas-sieghat. Ipprezenta sensiela ta' dokumenti permess ta' nota[2].

Xehed ukoll Carmelo Bonnici li spjega li hu kien mar mat-tifel tieghu Gian Carl Bonnici biex jghinu jtella' l-affarijiet u jwahhal il-hgiega tal-kamra tal-banju.

Fl- 1 ta' Frar 2021 xehed L-Inginier Paul Baldacchino li huwa Inginier fuq il-mekkanika u fuq il-bini, fejn qal illi f'April 2017 kien avvicinah Gordon Grech biex jaghmel xi xoghol ta' dawl, ilma, drenagg u air conditioning fuq Casa Gaspe u rreveda drawings u l-BOQs li kien ghamel l-Inginier Borg Myatt. Kien ghamel meeting fil-11 ta Mejju 2017 mal-perit Claude Borg u l-kuntratturi involuti, fejn il-perit qal illi d-drawings ma kienux kif ftehmu. Il-drawings ma kienux qed jaqblu mal-BOQs u hu kien qal lil Gordon li ma setax jahdem hekk u kien ahjar illi jaghmel kollox mill-gdid u hekk sar BOQ gdid li huwa Dok GX1 li jinsab a foll 140 u ghamlu l-installazzjoni u l-progett inghalaq. Dok GX2 minn foll 148 sa foll 153 kienu l-invoices li kien hareg ghax-xoghol f'Casa Gaspe li kien jinkludi disinni, l-ewwel meeting, meetings mal-kuntraturi u mal-perit, site visits u testing and commissioning biex jinghalaq il-progett dawn kienu thalsu. Id-differenza bejn il-BOQs li kien hareg l-Inginier Borg Myatt u tieghu kien ghax hu kien ghamel dsinn mill-gdid allura ma jistawx jaqblu ghax hu ghamel kollox mill gdid ghax id-dokument a foll 135 ma bediex jaqbel mad-disinni li kien hejja Borg Myatt. Fil-kontro ezami hu jghid illi meta dahal ghal progett Gordon Grech kien qallu li ma kienx ghadu jahdem mall-Inginier ta' qablu u kellu problemi mal-kuntratturi. Ma talabx ir-rilaxx minghand l-Ingiieer Borg Myatt. Gordon Grech kien ghaddilu pjanti u BOQs u wara kien organizza laqgha mal-kuntratturi, l-Perit u Gordon biex jara s-sitwazzjoni u wara din il-laqgha iddecieda li ma juza' xejn u jaghmel kollox mill-gdid. Gordon qallu ahjar ghax ma setax jibqa' jkollu l-problemi u l-progett ma jimxix. Hu kien ikkomunika ma' Borg Myatt u kien qallu biex joqghod attent ghax ma jhalsux, izda hu beda jahdem bis-siegha mieghu u dejjem thallas.

Jonathan Tabone xehed illi huwa sole trader bl-isem Cook Tek Services fl-airconditioning u Gordon Grech kien inkarigah fl-2016 sabiex jinstallhom f'Casa Gaspe. Hu kien tella' l-outdoor units fuq struzzjonijiet ta' Rudolph u damu xi sena biex jibdew ghax ma kien hemm pjanti u ma setax jibda minghajrhom. Rudolph kien jghidilhom li l-pjanti ma kienux lesti. L-Inginier Rudolph kellu jghidilhom minn fejn ha jghaddu. Wara kellu laqa' ma' Gordon u l-Inginier Paul li fehmhom l-affarijiet u tahom il-pjanti u bdew l-process u lestew fl-2017 stess u thalsu ukoll tax-xoghol. Fil-kontro ezami hu qal illi ma kellux kuntratt ma' Gordon Grech u kien thallas tax-xoghol li ghamel . Fil-bidu kien hemm Borg Myatt u kienu daru l-post u raw x'kien hemm bzonn li jsir u kien avvicinah biex jtella' l-units u wara li telawhom, fejn kien hemm l-Inginier prezenti, kien jcempillu biex jara meta ser jibda u kien avvicinah biex jaghmel xi reinforcing platform fuq il-bejt biex l-ACs ma jkunux ezatt fuq il-bini. Ma ftakarx ezatt meta kien dan izda meta gie ssugerit li kien bejn Frar u Marzu 2018 jghid illi jista' jkun.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

---

[2] Foll 237 sa 292

Din il-kawza hija dwar talba ghal servizzi professjonali resi lil-konvenut fuq inkarigu tieghu stess skont il-fattura pprezentata liema ammont kien qieghed jigi ridott ghal €5000 ghal finijiet tal-kompetenza tat-Tribunal. Il-konvenut min-naha tieghu qal illi t-talbiet tal-attur huma infondati u l-ebda hlas ma hu dovut stante li l-attur ma espletax l-inkarigu izda ghamel xoghol hazin u ikkawza danni u ghalhekk pprezenta kontro talba fejn talab danni fl-ammont ta' €5000. il-Rikonvenzjonat min-naha tieghu wiegeb billi qal illi t-talbiet huma infondati u ma ikkawza ebda danni u adrerixxa bis-shih mal-obbligi  li kien hemm bejnu u rikonvenzjonant. Jidher illi l-konvenut kien inghata kuntratt sabiex jiehu hsieb is-servizzi elettriki u tal-informatika f'Casa Gaspe u Arkivji Notarili li t-tnejn li huma kienu jaqghu taht il-ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali. Peress illi l-attur kien Inginier l-konvenut kien ftiehem mieghu sabiex jiehu hsieb ix-xoghol li kellu x'jaqsam mal-elettriku u Acs, filwaqt illi hu kien ser jiehu hsieb ix-xoghol tal-informatika. Il-konvenut kellu ftehiem mal-ministeru li jithallas €33 fis-siegha u l-partijiet ftehmu li kien ser jghaddi €28 fis-siegha lil Inginier. Il-problemi bdew f'Mejju 2018 meta l-Inginier beda jinsisti li kellu jithallas tal-fattura ta' Frar u Marzu 2018 qabel ma jkompli bix-xoghol, fejn kien hemm ukoll is-sieghat ta' Marzu u April li riedu jithalsu ukoll u talab sabiex il-ftehiem ta' bejniethom jigi regolizzat f'kuntratt.  Izda l-inginier baqa' ma thallasx u fil-fatt informa lil-konvenut permezz ta' e mail li waqaf jaghti servizz lil-konvenut. Wara li r-relazzjoni kienet intemet, il-Perit li kien qieghed jiehu hsieb il-progett tal-Arkivji Notarili kien avvicina lil-attur u talbu jaghti stima biex l-attur jaghti s-servizz direttament lil-gvern u din l-iatim giet accettata u s-servizz beda jinghata direttament. L-ingineer li tqabbad mill-konvneut minflok L-Inginier Borg Myatt qal illi ma kienx hemm handover u ha decizjoni li ma juzax id-disinni ta' Borg Myatt u l-BOQs tieghu bi qbiel mal-konvenut u ghamel kollox mill-gdid. il-konvenut hallas parti mill-kont f'Mejju 2018 u  bghat e mail lil attur jghidlu li setghu jkomplu business as usual. Il-konvenut jghid illi hu kien sofra d-danni, fl-ewwel lok talli hallas lil Borg Myatt ghal diversi sieghat meta ix-xoghol ma kienx sar sew ghax l-Inginier Baldacchino kellu jerga' jaghmel ix-xoghol u peress illi dahal f'kuntratt dirett u minhabba f'hekk tellef lil-konvenut mill-kuntratt.

It-Tribunal ra d-dokumenti u ra' dak li intqal minn kull persuna li xehed. Ra li ma kienx hemm konstestazzjoni li fil-fatt dawn is-sieghat li taghhom kien qieghed jitlob hlas l-attur fil-fatt kienu dovuti ghax fil-fatt l-konvenut kien lest jkompli juza' s-servizzi tieghu bhala Inginier. Ghar-rigward tat-kontro talba tal-konvenut ma giex ipprovat sal grad mistenni li bhala fatt l-attur naqas milli joffri s-servizz kif rikjest u lanqas illi seraq klijent tal-konvenut ghax kif xehed L-Perit tal-Arkivji Notarili kienu propju huma li avvicinaw lil Inginier biex jaghtihom stima u biex jahdmu mieghi direttament u ma kien hemm ebda kuntratt li gie miksur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jiddikjara l-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' €5000 u jordna lil-istess konvenut jhallas l-ammont ta' €5000 lil-attur bl-interessi mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv. Jichad it-talba ghad-danni fil-kontro talba.  L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a spejjes tal-konvenut/ rikonvenzjonant.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**